MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Numru 117/2009

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)

vs

Emanuel Degabriele
Abdul Kerim Tarhuni
Justin Micallef

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati ta' karta ta' identità numru 517289M, 471789M, u 40590M rispettivament, akkuzati talli:

1. fit-8 ta' Gunju 2008 ghall-habta tat-2.40 ta' filghodu fi Triq ix-Xatt ta' San Gorg San Giljan, ikkommettew serq ta' basket li kien fih flus kontanti u oggetti ohra minn fuq il-persuna ta' Claire Miller, liema serq huwa kkwalifikat bil-

valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa’ u ghoxrin Ewro u seba’ u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin.
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indhaltu biex ibieghuhom jew imexxuhom.
3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, assocjaw ruhhom ma’ persuna jew persuni bil-ghan li jaghmlu delitt f’Malta li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija.

Lil Emanuel Degabriele wahdu talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap 446 li gew imposti fuqu b’sentenza datata 16 ta’ Ottubru 2008 mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Antonio Vella LL.D.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni huma baqghu jinsistu anke wara li l-Qorti tathom hin jirrikonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jirrigwardaw is-serq, ir-ricettazzjoni u l-assocjazzjoni. Fil-konfront tal-imputat Emanuel Degabriele hemm ukoll l-akkuza li hu recediv.

Issa hu ben risapert li s-serq u r-ricettazzjoni huma reati ad eskluzjoni ta’ xulxin; mill-bqija pero’ l-imputazzjonijiet fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata huma ppruvati.

Rat l-Artikolu 261(c), 267, 279(a) u fil-konfront ta’ l-imputat Emanuel Degabriele l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9.

Hadet konjizzjoni tal-fedina penali rispettiva tal-imputati.

Tiddeciedi:

1. fil-konfront tal-imputati Abdul Kerim Tarhuni u Justin Micallef li tilliberahom bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tlett snin mill-lum.
2. fil-konfront tal-imputat Emanuel Degabriele wara li rat l-Artikolu 11 tal-Kap 446 tordna li jitpogga taht Ordni ta' Servizz fil-Kommunita' sabiex jaghmel 100 siegha servizz fil-kommunita'.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Degabriele l-import u l-effett tal-ordni ai termini tal-Artikolu 11(4) tal-istess Kap.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------